Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' April 2024**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0088(NLE)**

**8594/24**
**ADD 1**

**UK 47**
**AGRI 311**
**AGRILEG 215**
**FEED 1**
**VETER 51**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 5 ta' April 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 165 final |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 165 final.

Mehmuż: COM(2024) 165 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.4.2024
COM(2024) 165 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

MT

MT

# ANNESS

ID-DEĊIŻJONI NRU […]/2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' …

li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Il-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1] ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor[2],

Billi:

(1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") biex jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti fuq l-Unjoni u fuq ir-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(2) Jenħtieġ li att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

[2] Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2023/2419 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ottubru 2023 dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi[3] għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta’ Windsor taħt il-punt 34 “Għalf – prodotti u iġjene”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti

[3] ĠU L 2023/2419, 27.10.2023.